Il-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI
**Magistrat Dr. Astrid May Grima B.A. LL.D. Adv. Trib. Eccles. Melit.**

**Illum, s-26 ta' Settembru 2023**

**Kumpilazzjoni Numru 484/2020**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Wayne Camilleri**
**Spettur Mario Sciberras)**

**Versus**

**-Omissis-**

**Richard Louis Vella**
**(457098M)**

**--Omissis-**

**Il–Qorti,**

Rat l-imputazzjonijiet kontra **-omissis-**; **Richard Louis Vella**, detentur tal-Karta tal-Identita' Nru 457098M,; u **-omissis-**

Nakkuzaw lil **-omissis-** wahdu:

1. Talli nhar l-10 ta' Marzu 2020 f'diversi hinijiet bejn in-nofs siegha (00:30) u s-saghtejn u nofs ta' filghodu (02:30hrs), minn gewwa G. Camilleri Petrol Station, Triq il-Belt Valletta, Zurrieq ikkommetta serq ta' fjuwil, liema serq hu kkwalifikat, bil-mezz, bil-valur u bil- hin, ghad-dannu ta' Edward Camilleri u/jew ta' xi persuni/i w/jew ta' xi entita' u/jew entitajiet ohra;

2. Talli nhar it-12 ta' Marzu 2020 f'diversi hinijiet bejn l-erbgha u nofs ta' filghodu (04:30) u s-sitta ta' filghodu (06:00hrs), minn gewwa G. Camilleri Petrol Station,

Triq il-Belt Valletta, Zurrieq ikkommetta serq ta' fjuwil, liema serq hu kkwalifikat, bil-mezz, bil-valur u bil- hin, ghad-dannu ta' Silvio Camilleri u/jew ta' xi persuni/i w/jew ta' xi entita' w/jew entitajiet ohra;

3. Talli nhar l-1 ta' Gunju 2020 f'diversi hinijiet bejn l-ghaxra u kwart ta' filghaxija (22:15hrs) u nofs il-lejl (00:00hrs), minn gewwa Cini Petrol Station, Triq Aldo Moro, Marsa, ikkommetta serq ta' fjuwil, liema serq hu kkwalifikat, bil mezz, bil-valur u bil-hin ghad-dannu ta' Roberta Cini u/jew ta' xi persuni/i w/jew ta' xi entita' u/jew entitajiet ohra;

4. Talli nhar it-2 ta' Gunju 2020 f'diversi hinijiet bejn it-tmienja ta' fil-ghaxija (20:00hrs) u nofs il-lejl (00:00hrs), minn gewwa Cini Petrol Station, Triq Aldo Moro, Marsa, ikkommetta serq ta' fjuwil, liema serq hu kkwalifikat, bil-mezz u bil-hin ghad-dannu ta' Roberta Cini u/jew ta' xi persuna/i w/jew ta' xi entita' u/jew entitajiet ohra;

Liema atti maghmulin mill-hati, ukoll jekk fi zminijiet differenti. jiksru l-istess dispozizzjoni tal-ligi, u gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda.

U nakkużaw lil **Richard Louis Vella** u lil **-omissis-**:

5. Talli nhar l-1 ta' Gunju, 2020 f'diversi hinijiet bejn l-ghaxra u kwart ta' filghaxija (22:15hrs) u nofs il-lejl (00:00hrs), minn gewwa Cini Petrol Station, Triq Aldo Moro, Marsa, kienu komplici ta' serq ta' fjuwil, liema serq hu kkwalifikat bil-mezz, bil-valur u bil-hin, ghad-dannu ta' Roberta Cini u/jew ta' xi persuni u / jew ta' xi entita' u/ jew entitajiet ohra;

6. Talli nhar it-2 ta' Gunju, 2020 f'diversi hinijiet bejn it-tmienja ta' filghaxija (20:00hrs) u nofs il-lejl (00:00hrs), minn gewwa Cini Petrol Station, Triq Aldo Moro, Marsa, kienu komplici ta' serq ta' fjuwil, liema serq hu kkwalifikat bil-mezz u bil-hin ghad-dannu ta' Roberta Cini u/jew ta' xi persuni u / jew ta' xi entita' u/jew entitajiet ohra, liema atti maghmulin mill-hati, ukoll jekk fi zminijiet differenti, jiksru l-istess disposizzjonijiet tal-ligi, u gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda;

U nakkuzaw lil **Richard Louis Vella** wahdu talli:

7. Nhar it-2 ta' Gunju, 2020 f'xi hinijiet bejn it-tmienja ta' filghaxija (20:00hrs) u t-tmienja u nofs taq' filghodu (20:30hrs), fl-inhawi ta' Cini Petrol Station, Triq Aldo Moro, Marsa, saq vettura tal-ghamla Mercedes bin-numru tar-registrazzjoni FCA841, liema pjanci, minghajr ma kellu licenzja tas-sewqan mahruga minn Transport Malta taht dik il-kategorija specifikata ghall-imsemmija vettura;

8. Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi saq jew kellu fil-kontroll tieghu vettura bil-mutur tal-ghamla Mercedes bin-numru tar-registrazzjoni FCA841 minghajr ma kien kopert b'polza ta' sigurta' dwar riskji ghal terzi persuni;

9. U aktar talli naqas milli jhares il-kundizzjonijiet imposti fuqu mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) Magistrat Dr A. Bugeja LL.D. fid-digriet tieghu tal-15 ta' Ottubru, 2018 li bih tah il-helsien mill-arrest.

Il-Qorti hija gentilment mitluba sabiex f'kaz ta' htija tqis lill-imputat Richard Louis Vella bhala li sar recediv ai termini tal-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta wara li kien misjub hati ta' diversi sentenzi moghtija lilu mill-Qrati ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula.

Il-Qorti hija gentilment mitluba sabiex fil-kaz ta' htija, minbarra li tinfliggi l-piena stabbilita skont il-ligi, tiskwalifika lil Richard Louis Vella milli jkollu jew milli jikseb kull licenzja tas-sewqan ghal dak it-tul ta' zmien li din l-Onorabbli Qorti jidhrilha xieraq.

Il-Qorti hija gentilment mitluba sabiex f' kaz ta' htija tordna lill-imputati sabiex ihallsu lir-registratur, l-ispejjez kollha jew parti minnhom li jkollhom x' jaqsmu mal-hatra tal-esperti jew periti fil-proceduri, inkluzi dawk tal-esperti li jkunu gew mahtura fl-istadju tal-process verbal tal-inkjesta, f'dak iz-zmien u f'dak l-ammont bhal ma jkun gie stabbilit fis-sentenza jew fl-ordni ai termini tal-artikolu 533 (1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti hija gentilment mitluba sabiex f'kaz ta' sejbien ta' htija b'zieda ma' kull piena li l-hati jinghata b'sentenza, tordna lill-hatja sabiex jirrestitwixxu lill-parti offiza kull haga minnu misruqa jew li huma jkunu xjentement laqghu ghandu b'ricettazzjoni jew akkwista bi frodi jew qligh iehor kontra l-ligi bi hsara ta' dik il-parti bi jew permezz tar-reat, jew li jhallas lil dik il-parti ammont ta' flus kif jista' jigi stabbilit mill-Qorti bhala kumpens ghal dak it-telf kif imsemmi jew ghal xi danni jew offiza jew hsara ohra, hsara morali u/ jew psikologika, kagunati lil dik il-parti bi jew permezz tar-reat, u kull ordni bhal dak jista' jinkludi sew direttiva li ssir restituzzjoni u, fin-nuqqas, li jsir hlas kif imsemmi qabel l-ordni ghandu jikkostitwixxi titolu ezekuttiv ghall-finijiet u l-effetti kollha tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili.

Rat il-kunsens ta' l-Avukat Generali datat 20 ta' Settembru 2020, sabiex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja.

Rat id-dokumenti kollha pprezentati fl-atti processwali.

Semghet ix-xhieda.

Rat illi l-imputat **Richard Louis Vella**, fis-seduta tat-13 t'April 2023, irregistra ammissjoni ghall-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfront tieghu.

Semghet it-trattazzjoni finali tal-partijiet.

**Ikkunsidrat**

Illi l-imputat, debitament assistit mill-konsulent legali tieghu tenna li huwa hati tal-imputazzjonijiet miġjuba kontra tieghu.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, moqri flimkien mal-Artikolu 392A(1) ta' l-istess Kapitolu, u cioe' wara li l-imputat wiegeb li huwa hati ghall-akkuzi kollha migjuba fil-konfront tieghu, din il-Qorti wissietu b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba, u nghata zmien xieraq sabiex jekk irid jerga' lura minnha.

Illi l-imputat rega' tenna ammissjoni ghall-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfront tieghu, u ghaldaqstant fuq l-ammissjoni volontarja u nkondizzjonata tieghu, l-Qorti tiddikjara li m'ghandhiex triq ohra salv li ssib lill-imputat hati ta' l-akkuzi kollha migjuba fil-konfront tieghu kif minnu ammess.

**<u>Decide</u>**

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat Artikolu 7, 18, 31, 42, 49, 50, 261(b)(c)(f), 263, 267, 270, 278(3), 279(a), 280(2), 289 u 579(2) tal-Kapitolu 9, Artikolu 15(1A)(3) tal-Kapitolu 65, kif ukoll Artikolu 3(1) u 3(2)(a) tal-Kapitolu 104 tal-Ligijiet ta' Malta qed issib lill-imputat Richard Louis Vella **hati ta' l-imputazzjonijiet kollha** migjuba kontrih u tordna li ai termini ta' **Artikolu 7 tal-Kapitolu 446** tal-Ligijiet ta' Malta, l-imputat jitqieghed taht **Ordni ta' Probation ghal perjodu ta' sentejn (2) millum**, b'dan illi qegħda tordna li l-ħati jitqiegħed taħt is-sorveljanza t'Uffiċjal tal-Probation indikat lilu mid-Direttur tas-Servizzi tal-Probation u Parole, liema ordnijiet huma soġġetti għall-kundizzjonijiet elenkati fid-digriet mogħti llum stess u anness ma' din is-sentenza u li jifforma parti integrali minnha.

Inoltre il-Qorti ai termini ta' l-**Artikolu 15(1A)(3) tal-Kapitolu 65** tal-Ligijiet ta' Malta qed **tiskwalifika lill-ħati milli jkollu jew milli jikseb liċenza tas-sewqan għal perjodu ta' sentejn (2) millum**, kif ukoll ai termini ta' l-**Artikolu 3(2)(a) tal-Kapitolu 104** tal-Ligijiet ta' **Malta qed tikkundanna lill-hati ghal hlas ta' multa ghas-somma ta' tlett elef Euro (€ 3,000) li ghandhom jithallsu fi zmien sentejn millum.**

A tenur ta' **l-Artikolu 24 tal-Kapitolu 446** tal-Ligijiet ta' Malta, **tordna lill-hati Richard Louis Vella jhallas l-ammont ta' mija u hamsin Euro (€150) lil Roberta Cini ta' Cini Petrol Station u dan fi zmien tlett (3) xhur millum.**

Ai termini ta' l-**Artikolu 7(7) tal-Kapitolu 446** tal-Ligijiet ta' Malta, l-Qorti fissret lill-hati **Richard Louis Vella** bi kliem car u li jinftiehem, l-effetti ta' l-Ordni ta' Probation u tal-kundizzjonijiet kollha elenkati fid-Digriet anness ma' din is-sentenza, u li f'kaz li jonqos milli jikkonforma ruhu ma' dik l-ordni u dawk il-kondizzjonijiet, u/jew f'kaz li jaghmel reat iehor tul it-terminu ta' l-Ordni ta' Probation, jista' jinghata sentenza ghar-reati li taghhom nstab hati b'din is-sentenza.

Ai termini ta' l-**Artikolu 7(8) tal-Kapitolu 446** tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti qed tordna li kopja ta' din is-sentenza u ta' l-Ordni ta' Probation moghtija b'Digriet ta' llum stess, ghandhom jigu trasmessi minnufih lid-Direttur tas-Servizzi ta' Probation sabiex jassenja Ufficjal tal-Probation illi jkun responsabbli ghas-sorveljanza tal-hati. L-Ufficjal sorveljanti assenjat għandu jirrapporta bil-miktub lill-Qorti kompetenti bil-progress tal-ħati kull **sitt (6) xhur.**

Il-Qorti spjegat l-import ta' din is-sentenza lill-hati u x'jigri jekk huwa ma joqghodx ghall-kundizzjonijiet tal-Ordni ta' Probation, jew jekk jikkommetti reat iehor fi zmien **sentejn (2)** millum.

Illi fil-kaz odjern ma gewx mahtura esperti u ghalhekk m'hemmx spejjez x'jithallsu mill-imputat f'dan ir-rigward.

Tordna notifika ta' din is-sentenza u d-digrieti annessi lid-Direttur tas-Servizzi tal-Probation and Parole.

Ai termini tal-Artikolu 392A(2) tal-Kodiċi Kriminali, il-Qorti tordna li fi żmien sitt (6) ijiem tax-xogħol, l-Avukat Ġenerali jingħata aċċess għal kopja skenjata tal-atti, flimkien m'aċċess għal kopja skenjata tas-sentenza.

**Dr. Astrid May Grima B.A. LL.D. Adv. Trib. Eccles. Melit.**
Magistrat